MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 192/2009

**Emanuel Zammit**

**-vs-**

**Simon Zammit, Carmen Zammit f'isimhom proprju u għan-nom u in rapprezentanza ta' wliedhom il-minuri Kelly u Rodney Zammit u Janice Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi huwa jikri l-fond numru disgħa u erbgħin (49), gia' numru (40) Triq il-Knisja, Xgħajra, Żabbar, liema fond ilu jikri għal dawn l-aħħar għoxrin (20) sena, cioe' mis-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988), u dan kif jidher mill-kopji tal-ktieb tal-kera kif ukoll kopja taċ-ċedoli, hawn annessi u mmarkati bhala Dok. Dok. EZ 1 – EZ 10.

2. Illi oriġinarjament huwa kien jikri dan il-fond mingħand ċerta Liberata Fenech, illi ġiet nieqsa fis-sena elfejn u tnejn (2002) u sussegwentement il-kera bdiet tiġi aċċettata mingħand binha Karmenu Fenech. Illi din il-kirja Karmenu Fenech baqa' jaċċettaha sa Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), u sussegwentement din ġiet inġustament irrifjutata mingħajr raġuni valida fil-liġi, u għalhekk ir-rikorrenti ma kellu l-ebda għażla għajr li jibda jiddepożita l-kera l-Qorti.

3. Illi fis-sena elfejn u wieħed (2001), ħu r-rikorrent, l-intimat Simon Zammit, talab lir-rikorrent sabiex jagħmillu pjaċir u jospitah f'daru għal perijodu qasir u temporanju, peress illi kien għadu kif inqalagħlu nċident serju fir-residenza tiegħu u l-familja tiegħu, f'Hanover Street, Bormla u għalhekk hu u l-familja tiegħu ma kellhomx fejn joqogħdu.

4. Illi għalhekk, wara li talab parir legali, ir-rikorrenti aċċetta illi jdaħħal lil huh Simon, flimkien ma' martu Carmen u t-tlett (3) itfal tiegħu, li minn naħa tagħhom aċċettaw u qablu li huma jgħixu hemm b'mod temporanju, u dan sa kemm isibu post ieħor fejn jgħixu. Illi huwa jesponi ulterjorment illi dan il-qbil kien sar fil-preżenza tal-konsulent legali tar-rikorrenti, illi jista' jikkonferma dan il-ftehim meta jixhed f'dawn il-proċeduri.

5. Illi l-intimati u l-familha tagħhom dejjem okkupaw parti minn dan il-fond b'mera tolleranza da parti tar-rikorrent u għadhom qed jokkupaw il-fond sal-ġurnata tal-lum minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tar-rikorrenti biex huma jivvakaw il-fond.

6. Illi r-rikorrent tul dawn is-snin kollha dejjem ħallas il-kirja tal-fond merta ta' din il-kawża, u qatt ma aċċetta jew talab kera mingħand l-intimati. Illi għandu jingħad ukoll illi l-kontijiet tad-dawl u ilma qed jiġu mħallsa wkoll mir-rikorrent.

7. Illi l-intimati tul is-snin u b'mod abbusiv għall-aħħar ħadu pussess ta' iktar minn tlett kwarti (¾) tal-fond

imsemmi u saħansitra waslu sabiex ibiddlu s-serratura u jisfurzaw lir-rikorrent biex ma jkomplix jgħix f'partijiet ta' l-imsemmi fond, tant illi llum, huwa jinstab f' pożizzjoni fejn hu u martu, Rosianne Zammit, qegħdin jgħixu ġo żewġt (2) ikmamar waqt li l-intimati u l-familja tagħhom jgħixu f'sitt (6) ikmamar fil-kumdita' kollha.

8. Illi peress illi r-rikorrent kien qed isofri minn *depression*, l-intimati ħassew illi setgħu jagħmlu li riedu bih u għalhekk huma saħansitra bnew kmamar u għamlu diversi bidliet fil-fond mertu ta' din il-kawża, mingħajr l-oppożizzjoni u żgur mingħajr il-kunsens tar-rikorrent illi minn dejjem insista magħhom illi huma m' għandhom xejn u li l-post kollu huwa għad għandu bżonnu.

9. Illi huwa qatt ma aċċetta jew b'xi mod issoluka parti mill-imsemmi fond lil ħuh u l-familja tiegħu, anzi minn dejjem kien ċar illi huwa kien qed jospitah biss, b'mera tolleranza, sa kemm isib post ieħor fejn jgħix, *di pura buona volonta* tiegħu, u dan l-intimati jafuh.

10. Illi għal dawn l-aħħar snin ir-rikorrent interpella lill-intimati sabiex jivvakaw mill-fond mertu ta' din il-kawża diversi drabi, pero huma xorta waħda baqgħu jokkupaw parti mill-fond, u jivvantaw drittijiet illi ma għadhomx fuqu.

11. Illi minkejja illi huwa ben risaput illi l-kortesija u l-bona grazzja ta' min ikun ikkonċeda l-ħaġa bi pjaċir ma għandux ikun ta' dannu għalih *da parte* ta' min ikun irid japprofitta ruħu billi jivvanta drittijiet proprji fuq il-ħaġa, l-intimati qed jirrifjutaw illi jivvakaw mill-imsemmi fond.

12. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

13. Illi sa fejn jafu r-rikorrenti l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet xi jressqu għat-talbiet attriċi kif jirriżulta mill-anness affidavit Dok. EZ 11 *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ tal-provi *ai termini* ta' l-Artikoli 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati qed jokkupaw il-fond numru disgħa u erbgħin (49), gia' numru erbgħin (40) Triq il-Knisja, Żabbar, b'mera tolleranza.

3. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati m'għandhom l-ebda dritt li jibqgħu jokkupaw il-fond.

4. Tordna illi l-intimati sabiex jiżgombraw mill-fond numru disgħa u erbgħin (49), gia' numru erbgħin (40) Triq il-Knisja, Xagħjra, Żabbar, liema fond ilu mikri lir-rikorrent għal dawn l-aħħar għoxrin (20) sena, cioe' mis-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988), fi żmien qasir u perentorju ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti għal dan l-iskop.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-lum stess minn fejn jirriżulta li l-Qorti ma laqgħetx it-talba ta' l-intimati biex jippreżentaw risposta ġuramentata wara li semgħet il-partijiet; u li l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

**Għaldaqstant il-Qorti, peress li l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'iressqu, tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tar-raba' talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn.**

**Spejjeż a kariku ta' l-intimati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------